

Brussell, 9 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0369(APP)

---

---

15179/1/22  
REV 1

FIN 1259  
CADREFIN 200  
RESPR 43  
POLGEN 152

#### NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14473/22
Nru dok. Cion:	14442/22 (COM(2022) 595 final)
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 <ul style="list-style-type: none"><li>– <i>Adozzjoni tal-att leġiżlattiv</i></li><li>– <i>Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i></li><li>– <i>Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE</i></li></ul>

---

1. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>1</sup>. Ir-Regolament propost tal-Kunsill huwa parti mill-pakkett ta' proposti dwar il-finanzjament tal-appoġġ lill-Ukrajna, flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument biex jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)<sup>2</sup> u l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' self ġenerali<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 14442/22.

<sup>2</sup> Dok. 14562/22.

<sup>3</sup> Dok. 14443/22.

2. F'konformità mal-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jista' jadotta r-Regolament billi jaġixxi unanimament u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
3. Fit-18 ta' Novembru 2022, l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill intbagħat lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħu.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-abbozz ta' Regolament fis-sessjoni Plenarja tal-24 ta' Novembru 2022<sup>4</sup>.
5. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
  - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta t-test tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14471/1/22 REV 1 u REV 2 (de);
  - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, il-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14471/1/22 REV 1 u REV 2 (de) u għad-deċiżjoni li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>4</sup> P9\_TA(2022)0410.